**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Lulju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 211/2006 AF**

**Pawlu Saydon u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-legittimazzjoni tal-atti favur Joseph Saydon, Gerard Saydon, Joan Busuttil u Catherine Saydon, u dan stante l-mewt ta' Pawlu Saydon**

**Carmelo Saydon u**

**Joseph Saydon**

**vs**

**Jesmond Pulo u martu Marisa Pulo u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Marzu 2006 gew kjamati fil-kawza Clive Micallef u A. B.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Pawlu Saydon, Carmelo Saydon u Joseph Saydon, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti Pawlu Saydon huwa proprjetarju tal-fond garaxx fil-livell tat-triq 20, St. Mary's Street, Birkirkara, u dan kif jidher mill-anness Dok. PS1.

Il-konvenuti huma proprjetarji tal-fond 22, St. Mary's Street, Birkikrara liema fond jinsab sovrastanti l-fond tar-rikorrenti Pawlu Saydon u dan kif jidher mill-anness kuntratt markat Dok. PS2.

F'Dicembru 2005 il-konvenuti bdew jaghmlu u/jew inkarigaw persuni sabiex jaghmlu xi xogholijiet strutturalli u xogholijiet ohra fil-fond taghhom 22, St. Mary's Street, Birkirkara, liema xogholijiet baqghu ghaddejjin sakemm fis-sebgha (7) ta' Frar 2006, waqa' s-saqaf tal-fond tal-konvenuti konjugi Pulo, liema saqaf waqa' fuq is-saqaf ta' tahtu u cioè mal-art tal-fond tal-proprjetà tal-konjugi Pulo, liema livell huwa wkoll is-saqaf tal-fond proprjetà tar-rikorrenti Pawlu Saydon, u liema saqaf inkluz is-saqaf ta' fuq, sfrondaw u liema gebel waqghu ghall-gewwa l-garaxx proprjetà tar-rikorrenti Pawlu Saydon, u dan ikkaguna hsarat kbar fil-fond tal-istess rikorrenti Pawlu Saydon.

Minhabba x-xogholijiet esegwitit mill-konvenuti u/jew persuni inkarigati minnhom liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, r-rikorrenti Pawly Saydon sofra danni kbar fil-fond proprjetà tieghu 20, St. Mary's Street, Birkirkara, liema danni ghandhom jigu llikwidati minn din l-Onorabbi Qorti.

Il-proprjetà tar-rikorrenti u cioè l-fond 20, St. Mary's Street, Birkirkara kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, qabel dan l-incident.

Ir-rikorrenti Carmelo Saydon, minhabba dan l-incident tas-seba (7) ta' Frar 2006 li gara unikament bi traskuragni u imperizja u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tal-bini u health and safety da parti tal-konvenuti, sofra wkoll danni fi proprjetà mobbli tieghu inkluz fil-vettura tat-tip Fiat targata GBA-895 li ghandu gol-imsemmi garaxx ta' huh, u li huwa proprjetà tar-rikorrenti Carmelo Saydon.

Inoltre r-rikorrenti Joseph Saydon li jigi t-tifel ta' Carmelo Saydon u n-neputi ta' Pawlu Saydon, kellu wkoll proprjetà

mobbli gol-imsemmi garaxx 20, St. Mary's Street, Birkirkara, konsistenti fi 'model cars' ta' vetturi inkluz spare parts ta' karozzi liema proprjetà mobbli garrbet wkoll hsarat konsiderevoli u minhabba s-saqaf li waqa' fil-proprjetà tar-rikorrenti Pawlu Saydon, b'tort unikament tal-konvenuti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati u/jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh fis-7 ta' Frar 2006 gewwa l-fond 20, St. Mary's Street, Birkirkara.

2. Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bhala konsegwenza tal-imsemmi incident.

3. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lil kull wiehed mir-rikorrenti dik is-somma hekk kif likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Frar 2006 li qieghed jigi anness bhala Dok. PC3 u tal-mandat ta' inibizzjoni, bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti wara li jigi deciz is-sentenza. Il-kovenuti qeghdin jibqghu ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Jesmond u Maria konjuġi Pulo li permezz tagħha eċċepew illi:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante illi l-hsara illi garrbu l-istess rikorrenti fil-proprjetà taghhom, immobbli u mobbli, ma gietx ikkawzata b'ebda nuqqas da parti tal-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk m'ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza.

L-esponenti inkarigaw persuni imharrga fis-sengha tal-kostruzzjoni sabiex jigu mwettqa x-xogholijiet strutturali ta' ristrutturazzjoni fil-fond proprjetà tal-esponenti, li oltre dan

kienu qed jigu esegwiti taht is-sorveljanza u supervizjoni ta' Perit Arkitett; illi ghalhekk it-tigrif fil-proprjetà tal-esponenti u konsegwentement fil-proprjetà tar-rikorrenti ma sarx minhabba traskuragni jew xi nuqqas attribwibbli lill-esponenti, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Isegwi ghalhekk illi l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu ebda danni sofferti mir-rikorrenti.

Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jehtieg illi r-rikorrenti jippruvaw a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, d-danni li qed jilmentaw li huma sofrew.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tal-24 ta' Marzu 2006 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenuti sabiex jissejħu fil-kawża Clive Micallef u l-perit A.B.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-perit A.B. li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tal-atturi, hekk kif diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-hsara sofferta minnhom, jew min minnhom, ma jahti bl-ebda mod l-esponenti.

It-talbiet tal-atturi, hekk kif diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti qeda l-inkarigu tieghu bil-hila mehtiega u hekk kif huwa rikjest mill-professjoni ta' arkitett u inginier civili li huwa jezercita.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Clive Micallef fejn eccepixxa illi:

L-esponent kien sab imwahhal mal-bieb tieghu r-rikors hawn fuq imsemmi u sakemm mar jitlob ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali u nhata l-avukat hawn taht iffirmat lahqu ghaddew l-ghoxrin jum (20) ghat-twegiba.

L-esponent qatt ma ried jonqos mir-rispett lejn il-Qorti izda billi ghandu probelmi fil-familja (il-mara ghadha kif telqet mat-tifla Chantelle ta' sena u seba' xhur – mid-dar taz-zwieg) bhalissa huwa ghaddej minn zmien ikrah hafna.

Biex taqghad mal-avukat hawn taht iffirmat kienet mahtura biex tghinu l-P.L. Doreen Aquilina li fil-fatt ma tkunx il-Qorti u l-esponent già ha hsieb jipprezenta dalghodu stess rikors biex l-imsemmija P.L. Aquilina tkun mibdula bi prokuratur legali iehor.

Ghaldaqshekk l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onor Qorti joghgobha tawtorizza lill-esponent iressaq it-twegiba mahlufa tieghu u dan possibilment wara li jinhatar prokuratur legali iehor minflok il-P.L. Doreen Aquilina.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2008 din il-Qorti ħatret lill-Perit Mario Cassar bħala perit tekniku.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għall-sejbien ta' responsabbiltà u danni minħabba xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-proprjetà tal-konvenuti konjuġi Pulo li tinsab sovrastanti għall-garaxx tal-attur Pawlu Saydon. Il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti konjuġi Pulo sabiex jissejħu fil-kawża l-Clive Micallef li kien qiegħed jesegwixxi x-xogħlijiet u l-perit A.B. li kien qiegħed jissorvelja x-xogħlijiet.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti huma dawn. Il-konvenuti Pulo nkarigaw lill-kjamat fil-kawża Clive Micallef permezz ta' kuntratt t'appalt sabiex jagħmel diversi xogħlijiet fil-proprjetà tagħhom u ċioè dik bin-numru 22, Saint Mary Street,

Birkirkara, liema xogħolijiet ġew identifikati fl-iskrittura privata datata 13 ta' Ottubru 2005 (fol. 22). Permezz ta' din l-iskrittura l-konjuġi Pulo u Clive Micallef ftehmu wkoll illi '*F'każ li tiġi kkawżata xi ħsara fil-proprjetajiet adjaċenti jew sottostanti l-fond tax-xogħlijiet hawn fuq imsemmija sa jkun esklussivament responsabbli a tali ħsarat it-tieni parti*' jiġifieri Micallef. Dawn ix-xogħlijiet bdew lejn l-aħħar tas-sena 2005. Ftit wara li bdew ix-xogħolijiet l-attur Pawlu Saydon, sid il-garaxx sottostanti għall-proprjetà tal-konjuġi Pulo, ġibed l-attenzjoni tal-konvenuti li bix-xogħlijiet illi kienu qiegħdin isiru, ġiet ikkawżata ħsara f'xi xorok fis-saqaf tal-proprjetà tiegħu. Permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Jannar 2006[1] l-konvenuti Pulo obbligaw ruħhom li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ssir fil-proprjetà ta' Saydon konsegwenti għax-xogħlijiet illi kienu qegħdin isiru fil-proprjetà tagħhom. Waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet minn Micallef, il-konjuġi Pulo ddeċidew li jagħmlu xi tibdil strutturali konsistenti fit-tneħħija ta' ħnejja fil-proprjetà sabiex minflok jinbena ħajt. Micallef infurmahom illi huwa kien lest jagħmel dan ix-xogħol u l-perit A.B. tah struzzjonijiet dwar kif għandha tinħatt il-ħnejja, inkluż liema travi għandhom jintużaw sabiex il-piż tas-saqaf tal-kamra jistrih fuqhom sakemm tinħatt il-ħnejja. Fis-7 ta' Frar 2006 waqt li Micallef kien qiegħed jaħdem fil-proprjetà tal-konjuġi Pulo u proprju hu u jħott din il-ħnejja, sfronda parti mis-saqaf tal-proprjetà tal-konvenuti Pulo. B'riżultat ta' dan sfrondat ukoll l-art tal-proprjetà ta' Pulo li tiġi s-saqaf tal-garaxx tal-attur Pawlu Saydon. F'dan il-garaxx l-atturi kienu jżommu diversi mobbli li huma jgħidu soffrew ħsara estensiva.

Ma jirriżultax li huwa kkontestat bejn il-partijiet illi s-saqaf tal-garaxx tal-attur sfronda riżultat tal-isfrondar ta' parti mis-saqaf tal-proprjetà tal-konvenuti Pulo. Iżda l-konvenuti Pulo jgħidu li l-inċident in kwistjoni ma ġiex ikkawżat b'ebda nuqqas da parti tagħhom peress illi huma jgħidu li nkarigaw persuni imħarrġa fis-sengħa tal-kostruzzjoni sabiex iwettqu x-xogħlijiet strutturali u ristrutturali li kellhom isiru fil-proprjetà tagħhom u dan taħt is-sorveljanza u superviżjoni ta' perit. Il-perit A. B. da parti tiegħu jgħid illi huwa ma jaħti bl-ebda mod għall-ħsara li soffrew l-atturi fil-proprjetà tagħhom peress illi huwa qeda l-

[1] Kopja a fol. 429 tal-proċess

inkarigu tiegħu bil-ħila meħtieġa u kif rikjest mill-professjoni tiegħu. Clive Micallef jgħid illi huwa wettaq ix-xogħlijiet fil-proprjetà tal-konvenuti Pulo skont l-istruzzjonijiet tal-perit A. B. u li huwa dejjem għamel dan bl-aħjar ħila tiegħu.

Mal-affidavit tiegħu l-attur Pawlu Saydon preżenta stima tax-xogħolijiet ta' tiswija neċessarji fil-proprjetà tiegħu magħmula mill-perit Anthony Fenech Vella. Din l-istima hija ta' Lm3217.45, illum €7495.

Mill-provi li nġabru quddiem il-perit tekniku jirriżulta li Clive Micallef tqabbad mill-konjuġi Pulo u ltaqa' għal-ewwel darba mal-perit A. B. wara li ġie nkarigat mill-konvenuti Pulo. Micallef fid-depożizzjoni tiegħu jgħid illi huwa kien jagħmel '*naqra xogħol ta' bini*' u li m'għandux liċenzja ta' bennej (*stone mason*). Micallef xehed illi kien ġieli jaħdem fuq xogħol ta' bini ma' missieru iżda jirriżulta li huwa kien assigura lill-konjuġi Pulo kif jikkonfermaw fl-affidavits tagħhom illi huwa kien imdorri jagħmel dan it-tip ta' xogħol peress illi kien jagħmel rinovazzjoni ta' bini qadim. Biss però, Frans Micallef, li huwa missier l-konvenut Clive Micallef, fix-xhieda tiegħu jgħid illi sa fejn jaf hu, ibnu qatt ma kien għamel xogħol tat-tip illi tqabbad jagħmel fuq il-ħnejja in kwistjoni.

Micallef ikkonferma li l-ħnejja kienet fi stat tajjeb qabel l-inċident. Il-perit kien ta struzzjonijiet ċari lill-Micallef dwar x'tip ta travi kellu juża biex iħott il-ħnejja. Jesmond Pulo wkoll jikkonferma li l-perit ta struzzjonijiet lil Micallef dwar x'għandu juża biex iħott il-ħnejja. Filfatt, huwa jgħid illi quddiemu ssemma travu tal-konkos infurzat u li l-perit ta struzzjonijiet lil Micallef dwar kif għandu jarma biex jilqa' t-travi qabel iħott il-ħnejja. Speċifikament huwa jiftakar illi l-perit kien qal lil Micallef biex juża 'travi tal-ingliżi'. Il-perit Franco Montesin, Chairman tal-Board tal-Bennejja jgħid fix-xhieda tiegħu a fol. 368 et seq, tal-proċess illi, '*Alterazzjonijiet fi ħnejja narawha li suppost hija fil-kompetenza tal-bennej. Il-Perit jidħol biss fi kwistjonijiet strutturali ċioè l-għażla ta' travi*.' Huwa spejga wkoll illi bil-liġi min jaħdem f'xogħol ta' bini għandu jkollu liċenzja ta' bennej u li '*Min jaħdem xogħol ta' bini u ma jkollux liċenzja huwa lavrant mal-bennej*.' .

Micallef xehed ukoll li l-perit kien mar aktar minn darba fil-ġranet illi kienu qegħdin isiru preparamenti għax-xogħol biex tinħatt il-ħnejja. Iżda fuq mistoqsija tal-perit tekniku dwar x'tip ta' travi huwa kien uża, huwa wieġeb illi ma kienx jiftakar. Emanuel Agius li ġie inkarigat sabiex inaddaf is-sit wara l-inċident jikkonferma li 'travi tal-ingliż' ma sabx fuq il-post. Il-perit A. B. fl-affidavit tiegħu jgħid illi ma sarux il-*heavy duty trusses* (travi tal-ingliz) u lanqas ma kien jidher illi sar xogħol fuq it-travu li kellu jsir taħt il-ħnejja.

Il-perit A. B. jikkonferma li l-garaxx tal-attur kien fi stat tajjeb. Clive Micallef jgħid illi l-perit kien mar fuq il-post kuljum fil-jumejn illi kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet sabiex tinħatt il-ħnejja u fit-tielet jum ġara l-inċident. Hemm qbil bejn Pulo u Micallef illi l-perit kien imur fuq il-post iżda l-aħħar darba li l-perit mar fuq il-post kien fid-19 ta' Jannar 2006, meta l-inċident seħħ fis-7 ta' Frar ta' wara. Il-perit jispjega li kien ċempillu Micallef fis-6 ta' Frar biex jinfurmah illi l-ħadid tat-travu tal-konkos kellu jkun lest jumejn wara, u li l-perit kellu jmur jispezzjonah. Il-perit jikkonferma li l-ispezzjoni li kien imissu jmur jagħmel kellha tkun wara li tinħatt il-ħnejja.

Il-perit tekniku ikkonkluda hekk:

*a)* *Illi l-persuna li għamlet ix-xogħolijiet strutturali fil-fond numru 22 ġia 33 fi Triq Santa Maria, Birkirkara, u liema saqaf jiġi fuq il-garaxx bin-numru 20 fl-istess Triq, proprjeta ta' l-attur Pawlu Saydon, kien il-kjamat in kawża Clive Micallef.*

*b)* *L-esponent huwa tal-fehma illi l-inċident kien kaġun ta' nuqqas ta' esperjenza minn naħa tal-kjamat in kawża Clive Micallef fl-armar li kellu jsostni s-soqfa tal-ewwel sular.*

*c)* *Illi l-konvenuti qabbdu lill-kjamat in kawża Clive Micallef biex jagħmel fost oħrajn xogħolijiet ta' natura strutturali għaliex l-istess Clive Micallef taħhom x'jifhmu illi huwa kien bennej u kellu esperjenza f'dak it-tip ta' xogħol. Il-perit A. B. għamel xogħolu professjonalment, meta mar jissorvelja x-xogħolijiet f'diversi okkażjonijiet u ta*

*struzzjonijiet lil Clive Micallef b'liema tip ta' travetti kellu jarma, iżda l-istess Clive Micallef ma mexiex ma' l-istruzzjonijet tal-perit.*

d) *Illi l-inċident tas-7 ta' Frar 2006, meta waqgħu s-soqfa tal-ewwel sular u konsegwentament ġarrfu wkoll is-soqfa tal-garaxx tal-attur Pawlu Saydon l-istess Pawlu Saydon sofra danni li ġew ikkwantifikati mill-perit Anthony Fenech Vella.*

e) *L-esponent huwa tal-fehma illi x-xogħolijiet riparatorji msemmija fl-istess rapport tal-perit Fenech Vella (a fol. 80 fil-proċess) illum jammontaw għal madwar €12,000.*

f) *L-esponent ma għandux kompetenza jevalwa il-kaxxi tal-model cars li ġratilhom ħsara, jew li ġew meqrudin mill-inċident, jew ta' oġġetti oħra li ġratilhom ħsara mill-inċident.*

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, l-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Vella Carmel vs Sammut Victor, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> "*Issa huwa paċifiku f'każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha konċessa b'talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju 1967*."

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 imbagħad jgħid espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 imbagħad, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li

jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Filwaqt illi l-fatt waħdu li kienu qegħdin isiru xogħlijiet fil-fond sovrastanti għall-proprjetà tal-atturi ma jfissirx awtomatikament illi d-danni sofferti mill-atturi kienu kawżati minn dawn ix-xogħlijiet, il-perit tekniku stabbilixxa li d-danni sofferti mill-atturi kienu kaġunati mill-kollass tas-saqaf tal-proprjetà tal-konjuġi Pulo. Il-Qorti tikkondividi din il-konklużjoni u għaldaqstant jirriżultalha li f'dan il-każ jeżisti n-ness ta' kawzalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Captur vs Borg, deċiża fil-5 ta' Ottubru 1993, '*kull min, b'xogħol ta' konness ma kostruzzjoni, jagħmel ħsara lill-viċin, jirrispondi għad-danni*.'

Il-Qorti tikkondividi wkoll mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku illi l-inċident in kwistjoni seħħ minħabba n-nuqqas ta' esperjenza ta' Micallef. Artikolu 1038 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi, '*Kull min mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa jindaħal għal xogħol jew servizz, hu obbligat għall ħsara li, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu, jikkaġuna lil ħaddieħor*.' Micallef ma ressaq ebda provi u ftit li xejn kien jattendi għas-seduti quddiem il-perit tekniku. Jirriżulta mill-provi prodotti li Micallef ma segwiex l-istruzzjonijiet mogħtija mill-perit A. B. dwar kif għandha tinħatt il-ħnejja. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mary Buttigieg vs John Polidano et, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016, '*Huwa obbligu tal-kuntrattur li jesegwixxi x-xogħol bla ma jikkaġuna ħsara lis-sid u lill-terzi, u għandu hu stess, anke fl-assenza ta' istruzzjonijiet mill-perit, jara li x-xogħol li jwettaq ikun ta' fejda għal min inkarigah u ta' ebda ħsara lil terzi*.' B'żieda ma dan, il-Qorti kkunsidrat illi minkejja li Micallef ippreżenta ruħu bħala bennej tal-esperjenza, dan ma kien minnu xejn u filfatt lanqas liċenzja biex jaħdem ta' bennej ma kellu.

Micallef iddefenda ruħu biss billi qal illi dejjem ħadem skont l-istruzzjonijiet tal-perit. Iżda mill-provi prodotti jirriżulta li dan mhuwiex minnu. Fi kwalunkwe każ, kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Marianna Cini pro et noe vs Paolo Galea et, deċiża fis-27 ta' Ottubru 1958, '*Għad li kien hemm*

*perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol, dan ma kienx jeħles lill-konvenut Galea (il-bennej), li ndaħal bħala mgħallem, u fil-fatt esegwixxa dak ix-xogħol, milli josserva d-diliġenza u jkollu l-ħtija meħtieġa*.' Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi Micallef għandu jinżamm responsabbli għall-inċident in kwistjoni u l-ħsara li rriżultat.

Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-konjuġi Pulo għad-danni kkawżati lill-atturi mill-inċident, il-Qorti kkunsidrat illi artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi*."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Zammit noe vs Charles Polidano pro et noe et, deċiża fil-31 ta' Jannar 2014 qalet hekk:

> "*Minn naħa l-oħra, is-soċjetajiet appellanti ma jistgħux jeħilsu mir-responsabbilità billi jgħidu li qabbdu persuna biex tieħu ħsieb ix-xogħol, għax la darba rriżulta li b'dak li għamlet jew ma għamlitx dik il-persuna, is-soċjetà attriċi sofriet danni (speċjalment meta tower crane intrama eżatt mal-faċċata tal-lukanda tas-soċjetà attriċi), isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogħolha, u għall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza għandhom ibatu wkoll is-sidien, is-soċjetajiet konvenuti appellanti (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et., deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' ġurisprudenza, ingħad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilità ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi"). Hu ċar, kif taraha din il-Qorti, li allura għad-danni li sofriet is-soċjetà attriċi, ma jaħti ħadd ħlief is-soċjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti*."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Caroline Debono vs Kunsill Lokali Nadur, deċiża fit-2 ta' Lulju 2010 intqal hekk:

> "*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Kunsill Lokali, bħal kull sid privat, ma jistax jeħles mir-responsabbilità billi jgħid li hu qabbad in-nies u li dawn kellhom jaraw li jiġu evitati inċidenti. Il-Kunsill appellant għandu responsabbilità għax-xogħlijiet imwettqa fuq inkarigu tiegħu, anke jekk saru mill-kuntrattur imqabbad minnu. Hu kien obbligat li jinsisti li jara li l-kuntratt mogħti minnu jiġi eżegwit mingħajr ma jinħoloq perikolu għaċ-ċittadin, u li jieħu l-provvedimenti opportuni biex jirrimedja s-sitwazzjoni jekk jirriżulta xi nuqqas. Inoltre mill-provi rriżulta ċar li l-Kunsill Lokali nqeda b'nies li, fiċ-ċirkostanzi partikolari, ma kienux kapaċi in kwantu naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet bażiċi u elementari li kellhom jittieħdu għas-sigurtà taċ-ċittadin*."

Ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Lawrence Formosa pro et noe vs Winex Holdings Limited et, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2014 il-Qorti qalet hekk:

> "*In tema legali jiġi osservat li Winex bħala sid tal-fond u li kellha l-pussess tal-istess kellha l-obbligu li tassigura li bix-xogħlijiet li kienu qed isiru fuq il-proprjetà tagħha, u fuq inkarigu tagħha, ma ssirx ħsara lill-proprjetà ta' terzi, u f'każ li jsiru danni, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern, għandha ġġorr ir-responsabbilità tagħha fir-rigward.*"

Finalment fis-sentenza fl-ismijiet Dr. Tatiana Bonnici et vs Nicholsons the Supermarket et, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "*Meta sid proprjetà jinkariga terzi biex jgħamillu ċertu xogħol fil-proprjetà tiegħu, għad-danni li jistgħu jsofru terzi, jaħtu t-tnejn, is-sid u l-kuntrattur impjegat b'mod solidali, u ma jistax wieħed jitfa t-tort fuq l-ieħor*."

L-istess sentenza tkompli hekk:

> "*Ovvjament fir-relazzjoni interna ta' bejnithom, il-ħlas irid eventwalment isofrieh min effettivament wettaq il-ħsara,*

*iżda fil-konfront tal-vittma tal-ħsara, ir-responsabbiltà hija waħda solidali*."

Meħud in konsiderazzjoni l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili imsemmi u l-ġurisprudenza kwotata, il-Qorti hija tal-fehma li l-konjuġi Pulo jaħtu wkoll għad-danni kkawżati lill-atturi, bħala sidien tal-proprjetà fejn kienu qegħdin isiru xogħlijiet li kkaġunaw il-ħsara lill-atturi, u bħala l-persuni li nkarigaw lill-Micallef, persuna li ċertament ma kellux il-ħila jagħmel ix-xogħlijiet illi għalihom ġie nkarigat. Fir-rigward tal-ftehim ta' bejniethom illi kien jgħid illi Micallef ikun responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tiġi kkawżata lill-terzi, dan il-ftehim huwa *res inter alios acta* u għaldaqstant u fil-konfront tal-atturi danneġjati huma responsabbli kemm is-sidien tal-proprjetà kif ukoll dak illi effettivament kien qiegħed iwettaq ix-xogħol li kkaġuna l-ħsara.

Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-kjamat perit A. B., il-Qorti kkunsidrat dak illi qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Bonsons Limited vs Perit Arkitett Catherine Galea, deċiża fit-23 ta' Ottubru 2012:

> "*huwa miżmum li l-għaqal u d-diliġenza li jrid juri l-professjonist fit-twettiq ta' xogħlu huwa dak mistenni normalment minn professjonist tal-affari tiegħu, aġġornat fit-tagħrif li l-professjoni (jew il-qasam li jaħdem fih) tistenna minn kull kollega tiegħu, u mwettaq bl-attenzjoni u r-reqqa li x-xogħol li jissejjaħ jagħmel jitlob mill-każ. Dan jitlob kejl oġġettiv. Sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni ta' liġi li tgħid mod ieħor dwar il-professjoni li tkun, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb fi grad akbar*."

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Perit Alexander Balzan et vs Joseph Mizzi noe, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003:

> "*xogħol ta' perit huwa ta' pariri u supervizjoni, iżda mhux hu li effettivament iwettaq ix-xogħol; ta' dan huwa responsabbli l-kuntrattur*."

Iżda però, il-perit inkarigat mix-xogħlijiet għandu juża d-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja, skont il-provedimenti tal-Kodiċi Ċivili msemmija u dan billi jassigura mhux biss li jagħti struzzjonijiet dwar kif għandhom isiru x-xogħlijiet iżda wkoll li jassigura li dawn l-istruzzjonijiet effettivament jiġu segwiti u dan skont is-sengħa u l-arti.

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mary Buttigieg vs John Polidano et imsemmija qalet hekk:

> *"Għalkemm huwa minnu li kif joħroġ mill-kliem użat fl-istess liġi taħt in-nota għall-paragrafu 10 tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, periti mhumiex mistennija li joqgħodu fuq lant partikolari tax-xogħol minn filgħodu sa fil-għaxija, madankollu huma mistennija li jagħmlu superviżjoni, li permezz tagħha jkunu jistgħu jassiguraw li x-xogħol isir sew.*
>
> *....*
>
> *Hekk ukoll f'sentenza oħra tal-istess Qorti tad-9 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet Espedito Zammit v. L-Onorevoli Perit Michael Falzon, intqal:*
>
> *"Id-direzzjoni tax-xogħol hija attribwita lill-perit li: "(a) Għandu d-dmir li jassikura ruħu li għal dak li hija s-solidita' tal-bini, il-kostruzzjoni ssir sewwa u skond is-sengħa; "(b) Għandu juża l-abilita u d-diliġenza meħtieġa biex fl-esekuzzjoni tal-bini xejn ma jsir li jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara; "(c) Mhux biżżejjed li jsaqsi lill-bennej x'inhu jagħmel u joqgħod fuq dak li jgħidlu l-bennej; imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza (Ara f'dan ir-rigward sentenza riportata fil-Volum XLII. I. 517)."*
>
> *Huwa ritenut li dawn id-dmirijiet japplikaw ukoll meta perit ikun inkarigat mix-xogħlijiet ta' twaqqiegh ta' bini, aktar u aktar meta dan ikun konfinanti ma' bini ta' terzi. Perit ma għandux jagħti istruzzjonijiet u joqgħod jistenna li jiġi imsejjaħ fuq is-sit, iżda għandu hu stess isegwi x-xogħol*

*billi, jekk hemm bżonn, jattendi fuq is-sit f'xi ħin kuljum biex jara li l-istruzzjonijiet tiegħu jkunu qed jiġu segwiti. Fil-fatt, fil-kawża Marianna Cini pro et noe v. Paolo Galea et deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 1958, (li għaliha irriferiet il-Qorti fil-kawża preċedenti) inqal li: "Dover għalhekk formalment assunt u impost mil-liġi, tal-perit, huwa dak li juża l-abilita' u d-diliġenza meħtieġa biex fl-esekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu se jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati, u anke jekk liċenzjati, għandu jidderiġi huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol, b'mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa li jikkrejaw perikolu. Mhux biżżejjed għall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jagħmel, imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza."*

*Dan jgħodd appuntu għall-każ in eżami, għax il-perit naqas li personalment jara li x-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti, u jassigura li l-istruzzjonijiet li ta jkunu qed jiġu segwiti fedelment. Il-perit naqas li jimxi ma' dak li l-għarfien tas-sengħa professjonali tiegħu messu wrieh li kellu jieħu ħsieb jara li jsir u ma sarx. Il-ħtija tal-perit tissarraf fl-inadempiment ta' standard ta' imġieba li kien mistenni minnu u minn kull perit arkitett ieħor fil-qagħda tiegħu*."

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha l-Qorti llum, il-Qorti kkunsidrat illi minkejja li l-perit kjamat fil-kawża kien ta struzzjonijiet ċari lill-Micallef dwar it-travi li kellu juża, ma jirriżultax illi l-perit ħass il-ħtieġa li jivverifika li dawn it-travi kienu effettivament qegħdin jintużaw minn Micallef qabel bdiet tinħatt il-ħnejja u dan kien att negliġenti da parti tal-perit, li kkontribwixxa għall-kolass tas-saqaf tal-proprjetà tal-konjuġi Pulo. B'żieda ma dan, il-Qorti kkunsidrat illi l-inċident seħħ fis-6 ta' Frar iżda l-perit kien ilu ma jmur fuq il-post mid-19 ta' Jannar ta' qabel. Il-perit ikkonferma li l-ispezzjoni li kien imissu jagħmel fuq il-post kellha tkun wara li tinħatt il-ħnejja u għaldaqstant dan ifisser illi l-perit ma ħassx il-ħtieġa li jagħmel sorveljanza tax-xogħol waqt illi kienet qegħda tinħatt il-ħnejja, jew għall-anqas jaċċerta ruħu li

Micallef, persuna li qatt ma kien ħadem miegħu, kien verament qiegħed juża t-travi li kellu juża qabel beda jħott. Huwa minnu li kif xehed il-perit Montesin, alterazzjoni fi ħnejja hija kkunsidrata mill-Bord tal-Bennejja li għandha tkun fil-kompetenza tal-bennej u l-perit inkarigat sabiex jisorvelja x-xogħlijiet jidħol biss fl-għażla tat-travi, iżda dan ma jfissirx illi l-perit m'għandux jieħu ħsieb illi jikkonferma li t-travi li għażel effettivament intużaw mill-bennej. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi l-perit A. B. naqas fi dmir tiegħu bħala perit inkarigat sabiex jissorvelja x-xogħlijiet meta ma vverifikax jekk Micallef kienx liċenzjat bħala bennej. Għaldaqstant, huwa wkoll għandu jinżamm responsabbli għall-inċident in kwistjoni u d-danni li sofrew l-atturi b'riżultat ta' dan.

Finalment, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi qabel l-inċident in kwistjoni, l-attur Pawlu Saydon kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-konvenuti u kjamati fil-kawża li s-saqaf tiegħu kien ġarrab xi ħsara konsegwenti għax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-proprjetà tal-konjuġi Pulo. Ċertament illi kien jispetta lill-konvenuti u lill-kjamati fil-kawża li joqgħodu aktar attenti biex ix-xogħol illi kien qiegħed isir ma jkomplix jagħmel ħsara lill-proprjeta ta' terzi.

Fir-rigward tal-*quantum* tad-danni li għandhom jiġu likwidati u mħallsa lill-atturi sabiex isiru riparazzjonijiet neċessarju fis-saqaf tal-proprjeta ta' Pawlu Saydon, il-Qorti kkunsidrat illi l-konvenuti naqsu milli jressqu stimi sabiex jikkombattu dik imressqa mill-attur. B'żieda ma dan, ma jirriżultax illi saret eskussjoni lill-perit tekniku, u għaldaqstant il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex tillikwida id-danni li għandhom jitħallsu lill-atturi biex jagħmel tajjeb għall-ħsarat strutturali fis-saqaf imsemmi fl-ammont ta' €12,000 kif ġie stabbilit mill-perit tekniku.

Fir-rigward tad-danni li sofrew l-atturi minħabba l-ħsara li ġiet ikkawżata fil-mobbli li kienu jinsabu fil-garaxx, il-Qorti kkunsidrat illi l-attur Joseph Saydon jgħid fl-affidavit tiegħu li fil-garaxx in kwistjoni kien iżomm kaxxi vojta ta' '*collectible model cars*'. Huwa jgħid illi dawn il-kaxxi wkoll huma ta' valur u li ġew distrutti 89 kaxxa. Huwa jikkwantifika t-telf ta' dawn il-kaxxi fl-ammont ta' Lm2,670, illum €6219 u ċioè LM30, illum

€70 kull kaxxa. Minkejja li fuq talba tal-atturi l-Qorti nkarigat diversi esperti sabiex jirrelataw dwar il-valur ta' dawn il-kaxxi, għal raġuni jew oħra ebda espert ma aċċetta l-inkarigu. Ma jirriżultax illi l-konvenuti kkontestaw il-verżjoni tal-attur dwar it-telf ta' dawn il-kaxxi u lanqas l-ammont pretiż minnu. Il-Qorti tinnota però li l-prezzijiet indikati tal-mudelli nfushom fid-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Joseph Saydon huma fil-maġġor parti tagħhom bejn US$60 u US$90 (ċirka €53 sa €82) kull mudell u għaldaqstant ċertament illi l-kaxxa vojta ma tiswiex €70 waħedha.

Fir-rigward tal-mobbli li kienu jinsabu fil-garaxx illi kienu jappartjenu lill-attur Carmelo Saydon u li saritilhom il-ħsara, jirriżulta li dawn kienu jikkonsistu f'karozza tat-tip Fiat Punto, li iżda però tħallas tagħha mill-assikurazzjoni tiegħu, kif ukoll għamara li skont stima li ppreżenta kienet tiswa Lm1045, illum €2434 u *computer* b'mejda u siġġu miegħu li huwa jgħid kienu jiswew Lm230,i llum €536. Għaldaqstant l-ammont komplessiv ta' danni li l-attur Joseph Saydon jgħid illi sofra huwa ta' €2970. Fir-rigward tal-għamara, il-Qorti tinnota li Emanuel Agius li kien inkarigat bit-tindif tas-sit wara l-inċident jikkonferma li ma sabx għamara mirduma fit-terrapin iżda li l-għamara kienet fil-ġemb tal-garaxx u għaldaqstant il-Qorti mhijiex konvinta li din l-għamara ġiet distrutta iżda biss illi ġarbet xi ħsara kawża tal-inċident. Filfatt din l-għamara tidher hekk imġarrfa fir-ritratti eżebiti mal-affidavit tal-perit A. B. a fol. 344 tal-proċess kif ukoll dawk meħuda mill-perit tekniku li jinsabu fir-relazzjoni. Dwar il-*computer* b'mejda u siġġu li kien miegħu, il-Qorti tinnota li wkoll ma tressqitx stima jew rċevuta iżda lanqas ma ġew ikkontestati l-valuri mill-konvenuti.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Giovanni Vella vs Michael Cilia, deċiża fis-17 ta' Novembru 2004:

> "*Ikun żball li l-ġudikant jaċċetta fl-għama l-ammonti stabbiliti fil-quotations a fol. 3 u 4. Aktar u aktar, fl-assenza ta' għajnuna ta' opinjoni teknika in materja. Naturalment, ikun żball ukoll kieku d-domanda għar-riżarċiment tad-dannu tiġi respinta sempliċiment fuq ir-*

*riljev illi l-provi forniti fir-rigward ma humiex sufficjentement preċiżi*."

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Koprporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vs John Mary Caruana et, deċiża fl-20 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

"*...Fejn, bħal f'dan il-każ, l-ammont ma jkunx jista' jiġi stabbilit fl-eżattezza kollha tiegħu għaliex ikun impossibbli li dan isir, purke jeżistu l-elementi probatorji neċessarji u ċerti fatti aċċertati hu possibbli li d-determinazzjoni ta' l-ammont issir mill-ġudikant permezz ta' valutazzjoni ekwitattiva. Proprju l-użu ta' dan il-kriterju sussidjarju hu dak li jegħleb d-diffikultajiet riskontrati dwar l-entita eżatta tat-telf u, li jevita wkoll li d-diffikolta probatorja relattiva għall-kwantum tirriżolvi ruħha in definittiva għaf-favur ta' min dak it-telf ikun ġabu fis-seħħ.*

*Kif taraha din il-Qorti anke fil-każ preżenti kienu jeżistu l-presupposti għal biex l-ewwel Qorti tapplika l-imsemmi kriterju, ukoll mingħajr il-ħtieġa ta' domanda espliċita għal daqshekk mill-Korporazzjoni appellanti. Hekk, ad eżempju, sar mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawza in re: "Neg. Edgar Laferla nomine -vs- Neg. Antonio Cachia proprio et nomine", deċiża fis-6 ta' Gunju, 1951. Fiha ġie enunċjat, fuq il-konsiderandi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Ruma in re: "Banca Nazionale -vs- Santini", 11 ta' Mejju, 1877, illi "fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni dan l-ammont jiġi fissat ex aequo et bono mill-ġudikant skond id-dettami tar-raġuni u tal-kuxjenza tiegħu meta jiġi msejjaħ biex jistabilixxi l-kwantitativ tad-danni.'"*

Dan il-kuncett għandu jigi applikat meta jkun diffiċli li wieħed jistabilixxi preċisament dak li ai fini u effetti tal-liġi hu dovut mill-konvenut lill-attur. F'dan il-każ il-Qorti qeghda tuża l-poter diskrezzjonali tagħha sabiex tillikwida somma a bazi ta' valutazzjoni ekwitattiva u tasal sabiex takkorda somma ġusta lill-attur fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ għandha tillikwida l-ammont illi għandu jitħallas lill-attur Joseph Saydon għat-telf tal-kaxxi tal-*model cars* fis-somma ta' €3,000 u dak li għandu jitħallas lill-attur Carmelo

Saydon għall-ħsara fl-għamara u *compute*r fl-ammont ta' €2,500 *arbitrio boni viri*.

Finalment, kif ġie stabbilit fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Dr Tatiana Bonnici et vs Nicholsons the Supermarket et u Mary Buttigieg vs John Polidano et imsemmija, fejn il-mertu kien simili għal dak tal-kawża li għandha quddiemha l-Qorti llum, wara riferenza għall-ġurisprudenza fuq il-materja, ġie deċiż illi l-konvenuti kollha responsabbli għandhom jagħmlu tajjeb solidalment bejnithom għad-danni subiti, peress illi ma setgħetx tiġi determinata r-responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom. Fiċ-ċirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti l-istess għandu jiġi applikat f'din il-kawża u għaldaqstant tiddikjara lill-konvenuti u kjamati fil-kawża solidalment responsabbli għad-danni kkawżati lill-atturi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuti Jesmond u Marisa Pulo u l-kjamati fil-kawża Clive Micallef u l-perit A. B. huma responsabbli għall-inċident li seħħ fis-7 ta' Frar 2006 ġewwa l-fond 20, St. Mary's Street, Birkirkara.

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' sbatax-il elf u ħames mitt Ewro (€17,500).

3. Tikkundanna lill-konvenuti Jesmond u Marisa Pulo u lill-kjamati fil-kawża Clive Micallef u l-perit A. B. iħallsu solidalment bejniethom is-somma hekk likwidata lill-atturi. Bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti u kjamati fil-kawża in solidum bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG